32006R0937

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 937/2006

tat-23 ta' Ġunju 2006

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja Komunitarja ta' gluten tal-qamħ li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], u partikolarment il-paragrafu 1 tal-Artikolu 12 tiegħu,

Billi,

(1) Skont il-Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu XXIV u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi Doganali u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 [2], approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE [3], il-Komunità ħadet l-impenn li, kull sena kalendarja, tiftaħ kwota Komunitarja mnaqqsa meta mqabbla mat-tariffa esterna komuni, b'rata *ad valorem* ta' 16 %, għall-gluten tal-qamħ, li jaqa' taħt is-sotto-intestatura tan-NM ex 2303 10 11 tan-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u t-tariffa doganali komuni, u li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka.

(2) Biex tiġi żgurata amministrazzjoni tajba ta' din il-kwota tariffarja, għandhom isiru provvedimenti biex il-kummerċjanti jibbenefikaw minnha skont ir-regoli stipulati fmir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 tat-2 Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju [4], li jippermettu l-użu tiegħu fl-ordni kronoloġika taddati li fihom ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali.

(3) L-oriġini tal-prodotti tiġi determinata skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità. Biex tiġi vverifikata l-oriġini tal-prodotti, għandhom jitqiesu l-miżuri introdotti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerka, u ċ-ċertifikat tal-oriġini maħruġ minn dawk l-awtoritajiet għandu jiġi rikjest mal-importazzjoni, skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjonijiet tal-gluten tal-qamħ li jaqa' taħt is-sotto-intestatura tan-NM ex 2303 10 11 (sottointestatura TARIC 10) li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jibbenefikaw minn dazju doganali *ad valorem* ta' 16 % fil-limitu ta' kwota tariffarja ta' 10 000 tunnellati netti kull sena kalendarja mill-2006.

Din il-kwota tariffarja għandha tiġi amministrata bin-numru tas-serje 09.0090.

Artikolu 2

1. Il-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 1 għandha titmexxa mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

2. L-użu tal-kwota tariffarja msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun is-suġġett tal-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 55 sa 65 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93. L-oriġini tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament tiġi ddeterminata skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

[2] ĠU L 124, 11.5.2006, p. 15.

[3] ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.

[4] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni